11 ta' Mejju, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Bugeja *versus* Carmelo Falzon

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Razzett — Ħanut — Art, 2 u 13 tal-Kap. 109.**

*Post fejn l-inkwilin iżomm numru konsiderevoli ta' annimali li jservu għall-eżerċizzju tal-industrija tiegħu, bħal ma huma l-mogħoż u l-baqar li jinżammu għall-ħalib, huwa protett mill-Liġi tal-Kera bħala fond kummerċjali. Aktar u aktar dak il-post għandu jingħad li huwa fond kummerċjali meta fih jinżammu l-bhejjem li huma l-oġġetti tal-kummerċ ta' dak l-inkwilin, li huwa grossista u dettaljatur, u mhux sempliċement wieħed li jrabbi l-bhejjem.*

Il-Qorti: — Rat ir-rikors quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, li biħ ir-rikorrent talab li jerġa jieħu taħt idejħ ir-razzett ir-Rabat, numru 13 Triq Vittorja, mikri lilu,

peress li huwa għandu bżonnu u jrid jagħmel fih alterazzjonijiet u xogħolijiet mhux ordinarji;

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tal-11 ta' Jannar 1956, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent; billi l-Board ikkunsidra;

Illi mid-depożizzjoni tal-intimat, mhix kontraddetta, ġie stabbilit li l-fond in kwistjoni jservieh biex iżomm fih il-barrin li jkun xtara, u wara li jsemminhom jeħodhom il-biċċerija, u hemm ibiegħhom lid-dettaljaturi. Dana l-fond, minn mindu ġie f'idejh, minn dejjem kien użat għal dak l-iskop;

Illi r-rikorrent isostni li l-fond in kwistjoni ma jistgħax jitqies bħala ħanut fis-sens tal-liġi;

Illi skond l-art. 2 tal-Ordinanza XXI tal-1931, il-kelma "ħanut" tfisser fond mikri prinċipalment għall-bejgħ ta' oġġetti jew merkanzija, bl-ingrossa jew bl-imnut, posta s-suq, maħżen, u fond b'liċenza għall-bejgħ ta' nbejjed u spiriti, jew ħwejjeġ tal-ikel jew tax-xorb, sala ta' ċine, jew fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti jew sengħa;

Illi bil-kelma "maħżen" — "warehouse" — il-leġislatur ried ifisser kwalunkwe fond li fih tiġi storjata l-merkanzija inservjenti għall-kummerċ tal-inkwilin. Fil-każ in eżami, dana l-fond qiegħed jiġi użat biex jinżammu fih il-barrin li jikkostitwixxu appuntu l-merkanzija li fiha jikkummerċja l-intimat; b'mod li, kieku kellha tiġi milqugħa t-talba, l-intimat ma jkunx jista' jeżerċita iżjed il-kummerċ tiegħu;

Illi in vista tal-premess ma hemmx lok li tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk il-kawżali kif konċepita setgħetx tintitola lir-rikorrent jitlob ir-ripreża tal-pussess tal-fond;

Rat ir-rikors li bih ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza fuq imsemmija tal-Board, u talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-intimat huwa kummerċjant, li jbiegħ il-laħam u jimporta l-bhejjem u l-laħam għan-negozju. Fir-razzett in

kwistjoni l-intimat iżomm u jrabbi u jsemmen il-barrin, biex joqtolhom fil-biċċerija u jbiegħhom lid-dettaljaturi, u ġie li f'dak ir-razzett kellu ħamsin barri. Immela l-post huwa użat mill-intimat għal skop kummerċjali direttament konness man-negozju tiegħu, u ma jservix għall-abitazzjoni, għax fih ma jorqod ħadd;

Illi dina l-Qorti, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru 1951, in re "Santo Tonna vs. Salv. Portelli", irriteniet illi l-post fejn l-inkwilin iżomm numru konsiderevoli ta' annimali li jservu għall-eżerċizzju tal-industrija tiegħu, bħal ma huma l-mogħoż u l-baqar li jinżammu għall-bejgħ tal-ħalib, huwa protett mill-liġi bħala fond kummerċjali (Kollez. XXXV-I-215). Fil-każ preżenti hemm iżjed elementi biex il-post jiġi magħdud bħala fond kummerċjali u jidħol fid-definizzjoni ta' "ħanut" skond l-art. 2 tal-Kap. 109 tal-LL.; għax fih jinżammu l-bhejjem li huma l-oġġett tal-kummerċ tal-intimat, li huwa kummerċjant grossista u dettaljatur, u mhux sempliċement wieħed li jrabbi l-bhejjem. Għaldaqstant, skond l-art. 13 tal-Kap. 109 tal-LL., ir-rikorrent ma jistax jieħu lura l-pussess tal-fond in kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.